Laqgha Nru. 14

Kastilja
4 ta' April, 1977 fis-1 p.m.

Prezenti:

Il-President tar-Repubblika

u wkoll:

M. Abela
Dr. Edgar Mizzi

1. Il-Prim Ministru informa il-Kabinett illi ircieva zewg ittri, wahda min ghand l-Ambaxxatur Taljan u l-ohra minn ghand l-Ambaxxatur Franciz, li minnhom jidher car illi issa l-kwistjoni ta' Malta tan-"non-alignment" bdiet ticcaqlaq skond kif kien qed jixtieq il-Gvern.

2. Il-Prim Ministru informa ukoll bil-laqgha li huwa kellu recentement mas-Senatur Ajello tal-Italja.

3. Il-Prim Ministru qal ukoll li kellu telefonata minghand il-Ministru El-Obejdi tal-Libja li infurmah biz-zjara Libjana li kienet gejja Malta nhar il-Erbgha li gejjin.

4. Il-Prim Ministru qal illi skond l-informazzjoni li ghandu l-istrike tal-hobz wasal fit-tmien tieghu.

5. Gie miftiehem illi kemm jista jkun malajr ghandu jitfassal program ta' xoghol li l-Ministri ghandhom jaghmlu fil-perijodu illi l-Parlament ikun fir-"recess" dwar dawn il punti principali:

(a) Il-Mass Meeting tal-l ta' Mejju.

(b) Il-progetti l-godda bhal per ezempju:

(i) Il-port il gdid ta' Marsaxlokk
(ii) G.E.C.
(iii) Brazil
(iv) L-isvilupp tat-'Transhipment'.

6. Il-Prim Ministru qal ukoll illi irridu niehdu hsieb min issa stess ghal mawra tad-delegazzjoni li sejra c-China fil-15 ta' Mejju; ghal dan il-ghan huwa mportanti illi ikollna kollox lest sal-15 ta' April u ghad-delegazzjoni li sejra fl-Argentina u fil-Venezuela.

Is-seduta aggornat fis-2.15 p.m. sine die.

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA